# GĦAWDEX

*(Snapshot)*

Sema tan-nir, lewn is-satin kaħlani,
Xmajjar ta' ħdura, bl-ilmijiet xebgħana,
Għoljiet imewwġu fuq ħolqien daħkani,
Irħula żgħar taħt dawl ix-xemx ferħana.

Jidwi fl-egħlieqi, qalb il-qamħ safrani,
Qawwi fl-imħabba, tar-raħħala l-għana;
Ifiġġ fil-bogħod tarf xi kampnar fuqani
Bejn l-aħdar tal-lariġ u tal-banana.

Ġo l-ajru fwieħa bħal butir qawwija,
Li timla s-sider b'ta' mitt ward r-riħa,
Tgħaxxi lill-qalb ġo baħar ta' tgawdija.

U fuq dil-firxa ta' ħlewwiet għawdxija,
Liebsa kull lewn u b'elf djamant sabiħa,
Tidħak kemm kemm, sultana l-Poeżija.

Ġorġ Pisani

29/11/33.